10 ta' Ottubru, 1950

Imħallef :

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Giovanni Baldacchino *versus* Antonio Cassingena et.

**Sentenza — Kuntratt — Eċċezzjonijiet — Fidejussjoni — Novazzjoni — Kompetenza — Solidarjetà — Eskussjoni — Art. 1223, 2039 u 2062 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-garanti jista' jagħti kontra l-kreditur l-eċċezzjonijiet kollha li jista' jagħti d-debitur prinċipali, basta li jkunu eċċezzjonijiet imgħaqqda mad-dejn; fosthom dik ta' l-inkompetenza tal-Qorti.*

*Elementi essenzjali tan-novazzjoni huma:— 1. Obligazzjoni preċedenti; 2. Obligazzjoni suċċessiva li tkun tiddifferixxi mill-ewwel waħda b'mod li tkun tista' tiġi kunsidrata bħala modifikazzjoni tagħha stess; 3. Il-kapaċità tal-partijiet interessati; 4. u l-"animus novandi".*

*Il-kriterju biex jiġi rikonoxxut il-konkors ta' dawn l-elementi huwa divers skond jekk in-novazzjoni tkun soġġettiva jew oġġettiva.*

*Biex ikun hemm novazzjoni hemm bżonn li jkun hemm l-inkompatibilità ta' l-eżistenza ta' żewġ obligazzjonijiet; u f'każ ta' dubbju, in-novazzjoni għandha tiġi eskluża.*

*Meta kreditu kanonizzat b'sentenza jiġi konvertit f'debitu b'att publiku, hemm novazzjoni, għax jiġi estint l-ewwel debitu u minnu jitnissel debitu ieħor; it-titolu preċedenti, li kien is-sentenza, jiġi annullat, u minfloku jinħoloq titolu ġdid, li huwa l-kuntratt.*

*U meta jsir dan, jiġifieri illi l-kreditu kanonizzat b'sentenza jiġi konvertit f'debitu b'att publiku, id-debitu l-ġdid isir ta' natura ċivili anki jekk il-kreditu oriġinali kien ġie kanonizzat mill-Qorti tal-Kummerċ.*

*Il-garanti solidali ma jistax jagħti l-eċċezzjoni ta' l-eskussjoni tal-beni tad-debitur prinċipali, u dan minħabba s-solidarjetà. Imma anki meta huwa sempliċi garanti, u mhux solidali, huwa ma jistax jinvoka dak il-benefiċċju ta' l-eskussjoni, jekk id-debitur prinċipali jkun sar insolvibili.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, peress illi l-konvenut Antonio Cassingena huwa debitur versu l-attur fis-somma ta' £394. 4. 11 skond il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Giuseppe Sammut tat-13 ta' Mejju 1949 (dok. A); u peress illi skond l-istess kuntratt il-konvenut Cassingena offra ruħu li jħallas bir-rati ta' £30 fix-xahar, u l-konvenut Ciappara daħal bħala garanti ta' dan il-ħlas; u peress illi r-rati li kellhom jitħallsu fix-xahar ta' Settembru, Ottubru u Novembru tas-sena 1949, għadhom ma tħallsux, u mir-rata ta' Awissu ta' l-istess sena fadal £6 bilanċ mhux imħallas; talab illi l-konvenut Antonio Cassingena jkun kundannat minn din il-Qorti li jħallas lill-attur l-ammont ta' £96, u fin-nuqqas tiegħu li jħallashom il-konvenut l-ieħor Nicola Ciappara bħala garanti ta' l-istess Cassingena. Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali min-notifika ta' l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Diċembru 1949 kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Illi jirriżulta mill-atti tal-kawża li b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tad-19 ta' Novembru 1946 l-attur ġie kanonizzat kreditur tal-konvenut Cassingena fis-somma ta' £293. 17. 10,

B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Giuseppe Sammut tat-13 ta' Mejju 1949 (fol. 5) il-konvenut Cassingena ikkostitwixxa ruħu debitur ta' l-attur fis-somma ta' £394. 4. 11, in kwantu għal £293. 17. 10 sorte ta' dik is-sentenza, in kwantu għal £55. 7. 1 spejjeż in konnessjoni ma' dik is-sentenza, u in kwantu għal £45 imgħax tas-6% fuq l-istess somma kanonizzata minn dak in-nhar tas-sentenza sal-jum tal-kuntratt. Il-konvenut Cassingena obliga ruħu li jħallas dan l-ammont globali b'pagamenti ta' mhux anqas minn £30 fix-xahar........... Il-konvenut Cassingena assuma din l-obligazzjoni bil-garanzija solidali tal-konvenut Ciappara sa l-estinzjoni totali ta' l-istess somma u imgħaxijiet;

*Omissis;*

Illi l-konvenut Ciappara jeċċepixxi l-inkompetenza ta' din il-Qorti, billi jallega li l-pretensjoni dedotta mill-attur hija ta' natura kummerċjali, għaliex il-kostituzzjoni tad-debitu tirrigwarda sorte u spejjeż kanonizzati mill-Qorti tal-Kummerċ. Dwar din l-eċċezzjoni l-attur jissottometti li bil-kuntratt tat-13 ta' Mejju 1949 saret novazzjoni, u l-operat tal-partijiet sar ċivili għall-finijiet tal-kompetenza tal-Qorti;

Ikkunsidrat dwar din il-preġudizzjali;

Illi l-konvenut Ciappara seta' jissolleva din l-eċċezzjoni, għaliex huwa, bħala pleġġ tal-konvenut Cassingena, jista' jagħti kontra l-kreditur l-eċċezzjonijiet kollha li jista' jagħti d-debitur prinċipali, il-konvenut Cassingena; basta li dawn l-eċċezzjonijiet ikunu, kif inhuma f'dan il-każ, imgħaqqdin mad-dejn; u dan fit-termini tad-dispożizzjoni ta' l-art. 2062 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23);

Illi, kif jgħallem il-Giorgi (Obbligazioni, Vol. VII, para. 343), l-elementi essenzjali tan-novazzjoni huma (1) obligazzjoni preċedenti, (2) obligazzjoni suċċessiva, li tkun tiddifferixxi mill-ewwel waħda b'mod li tkun tista' tiġi kunsidrata bħala modifikazzjoni tagħha stess, (3) il-kapaċità tal-partijiet interessati, u (4) l-"animus novandi", jew il-volontà u l-akkordju tal-partijiet li jestingwu l-obligazzjoni antika;

Biex dawn l-elementi jiġu aħjar applikati, hemm bżonn li jiġu enumerati d-diversi speċi ta' novazzjoni; għaliex il-kriterju biex jiġi rikonoxxut il-konkors tagħhom, u jista' jingħad "nova nascitur obligatio et prima tollitur translata in posteriorem"

(Gaius, III,, 186), huwa divers skond jekk in-novazzjoni tkunx soġġettiva jew inkella oġġettiva. Hekk il-Kodiċi Ċivili Malti, li f'dan segwa t-tradizzjoni, jenumera, fl-art. 1223 (Kap. 23), tliet manjieri ta' novazzjoni :— (a) Meta d-debitur jagħmel mal-kreditur tiegħu dejn ġdid, u dan jiġi mqiegħed f'lok il-qadim, illi jispiċċa; (b) *meta debitur ġdid* jiġi *mqiegħed* f'lok il-qadim, li jispiċċa; u (c) meta, bis-saħħa ta' obligazzjoni ġdida, kreditur ġdid jiġi mqiegħed f'lok il-qadim, li lejh id-debitur jiġi meħlus. L-ewwel speċi ta' novazzjoni hija dik li l-iskola dejjem sejħet "oġġettiva" jew "reali"; it-tnejn l-oħra jikkostitwixxu *n-novazzjoni* "soġġettiva", "interventu novae personae", għaliex *tiġi mibdula* l-persuna *tal-kreditur* jew dik taddebitur, imma tibqa' ferma l-prestazzjoni;

Illi fil-każ preżenti jidher ċar li ma jistax jittratta jekk mhux, fil-każ, mill-ewwel speċi ta' novazzojni, dik oġġettiva jew reali; għaliex tant *id-debitur* kemm *il-kreditur* baqgħu l-istess; u jekk tbiddel kien biss id-dejn. Konsegwentement irid jiġi eżaminat jekk, kif jippretendi l-attur, id-dejn li kkostitwixxa ruħu fih il-konvenut Cassingena bil-kuntratt tat-13 ta' Mejju 1949, kienx ġdid jew baqa' l-istess wieħed li huwa kellu qabel, u li *tiegħu* l-attur ġie kanonizzat kreditur bis-sentenza *fuq imsemmija;*

Illi biex ikun hemm novazzjoni hemm bżonn li jkun hemm l-inkompatibilità ta' l-eżistenza taż-żewġ obligazzjonijiet; u f'każ ta' dubbju, in-novazzjoni għandha tiġi eskluża (App. 30. 6. 1930 "Mizzi vs. Portelli", Vol. XXVII—I—933). F'dan il-każ jista' jingħad mill-ewwel li żgur ma hemmx il-ko-eżistenza ta' żewġ obligazzjonijiet; ma hemmx kuntrast li għadha teżisti biss l-obligazzjoni tal-konvenut Cassingena riżultanti mill-kuntratt li fuq issemma. Issa dina l-obligazzjoni li baqgħet hija *sostanzjalment differenti minn dik* ta' qabel, u t-titolu oriġinali *ġie annullat;* u hekk hemm novazzjoni; għaliex il-kreditu ta' l-attur tbiddel fis-sustanza tiegħu, u ġie annullat it-titolu oriġinali tal-kreditu (P.A. 30. 11. 1935 "Navarro vs. Farrugia", Vol. XXIX—II—808). Infatti, il-kreditu huwa divers, *kif huwa divers* it-titolu ta' l-attur; it-titolu ta' l-attur il-lum huwa l-kuntratt *fuq imsemmi*. It-titolu tiegħu qabel dan il-kuntratt kienet is-sentenza fuq imsemmija;

Illi l-konvenut Ciappara jippretendi illi d-domanda hija ta' natura kummerċjali, billi l-kostituzzjoni tad-debitu riżultanti mill-kuntratt tirrigwarda sorte u spejjeż kanonizzati mill-Qorti tal-Kummerċ. Imma ġie ritenut illi meta, f'każ bħal dan preżenti, it-titolu ta' kreditu kummerċjali huwa konvertit fi kreditu b'att publiku, jiġi estint l-ewwel debitu u minnu jitnissel debitu ieħor, issir novazzjoni, u d-debitu l-ġdid huwa ta' natura ċivili (App. 1. 6. 1881 "Busuttil vs. Curmi Cecy", Vol. IX, 432; 30. 5. 1883 "Ciappara Delicata vs. Zammit", Vol. X, 152; 16. 12. 1898 "Borg vs. Albanese", Vol. XVI—II—370);

Illi għalhekk l-inkompetenza ta' dina l-Qorti, allegata mill-konvenut Ciappara, ma hijiex sostnuta;

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

Illi l-pretensjoni tal-konvenut Ciappara — li l-attur ma kellux għalfejn jipprovoka l-kawża odjerna, iżda kien imissu mill-ewwel eskuta l-beni tal-konvenut Cassingena, id-debitur tiegħu prinċipali, u kontra tiegħu, il-konvenut Ciappara, ma kienx imissu jaġixxi ħlief fil-każ li ma jkunx sab beni tad-debitur prinċipali x'jeskuti, billi huwa, il-konvenut Ciappara, huwa sempliċi garanti—mhijiex lanqas sostenibili. Infatti l-konvenut Ciappara ma huwiex sempliċi garanti, imma huwa "garanti solidali" tal-konvenut Cassingena "sa l-estinzjoni totali tas-somma u l-imgħaxijiet" (fol. 7). Kieku kien sempliċi garanti, allura l-pretensjoni tiegħu kienet tkun, sa ċertu pont, fondata fid-dritt. U jingħad "sa ċertu pont", għaliex jirriżulta mix-xhieda stess tal-konvenut Cassingena li dan sar mhux solvibili (fol. 14); u għalhekk f'każ bħal dan, il-beneficċju ta' l-eskussjoni nvokat mill-konvenut Ciappara ma hux applikabili (art. 2039 (d) Kap. 23). Imma fuq kollox, la barba, kif ingħad, il-konvenut Ciappara huwa garanti solidali mal-konvenut Cassingena sa l-estinzjoni totali tas-somma u ta' l-imgħaxijiet, huwa ma jista' qatt jinvoka l-beneficċju ta' l-eskussjoni (art. 2039 (b) Kap. 23);

Għal dawn ir-raġunijiet, u fil-kontumaċja tal-konvenut Cassingena;

Tiddeċidi;

1. Billi tiċħad il-preġudizzjali ta' l-inkompetenza ta' din il-Qorti "ratione materiae" sollevata mill-konvenut Ciappara; bl-ispejjeż kontra tiegħu; u

2. Billi tilqa' d-domandi ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.